

Brussell, 17 ta' Novembru 2017
(OR. en)

14426/17

Fajls Interistituzzjonali:
2017/0114 (COD)
2017/0115 (CNS)
2017/0128 (COD)

TRANS 488
FISC 267
ENV 939
CODEC 1835

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)/Kunsill
Nru. dok. preċ.: 13772/1/17 REV 1	
Suġġett:	Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 1999/62/KE dwar il-ħlas li jrid isir minn vetturi ta' merkanzija tqila għall-użu ta' ċerti infrastrutturi Fajl interistituzzjonali: 2017/0114 (COD) Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 1999/62/KE dwar il-ħlas li jrid isir minn vetturi ta' merkanzija tqila għall-użu ta' ċerti infrastrutturi, fir-rigward ta' ċerti dispożizzjonijiet dwar it-tassazzjoni tal-vetturi Fajl interistituzzjonali: 2017/0115 (CNS) Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-interoperabbiltà tas-sistemi elettroniċi ta' pedaġġ stradali u li tiffaċilita l-iskambju transfruntier ta' informazzjoni dwar in-nuqqas ta' ħlas ta' tariffi stradali fl-Unjoni (riformulazzjoni) (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) Fajl interistituzzjonali: 2017/0128 (COD) – Dibattitu ta' orjentazzjoni

1. INTRODUZZJONI

Fil-31 ta' Mejju 2017, il-Kummissjoni ppreżentat il-Pakkett tagħha dwar il-Mobbiltà li kien fih firxa ta' inizjattivi dwar il-funzjonament tas-suq tat-trasport tal-merkanzija bit-triq, il-kundizzjonijiet soċjali u t-tariffi għall-użu tal-infrastruttura tat-toroq.

Ir-reviżjoni proposta tad-**direttiva dwar l-Eurovignette** hija mibnija fuq applikazzjoni usa' tal-prinċipji ta' "min iniġġes iħallas" u "l-utent iħallas". Il-bidliet ewlenin ikopru:

- kamp ta' applikazzjoni usa' tad-direttiva, biex tinkludi karożżi tal-linja u kowċis, vetturi kummerċjali ħfief, u vetturi tal-passiġġieri;
- it-tneħħija gradwali ta' sistemi ta' tariffi bbażati fuq il-ħin, b'mod partikolari billi t-tariffi bbażati fuq il-ħin ma jirriflettux kompletament l-ispejjeż attwali tal-użu tal-infrastruttura, inkluż l-esternalitajiet negattivi (it-tniġġis tal-arja, it-tibdil fil-klima, l-istorbju eċċ.);
- il-varjazzjoni tat-tariffi bbażati fuq l-emissjonijiet ta' CO2 bħala inċentiv biex jitnaqqsu dawn l-emissjonijiet u tiġi ssimplifikata l-applikazzjoni ta' tariffi għal spejjeż esterni biex jirriflettu aħjar l-ispejjeż tat-tniġġis tal-arja u l-istorbju. Il-proposta tipprevedi wkoll il-possibbiltà ta' tariffi għall-użu tal-infrastruttura matul is-sigħat ta' konġestjoni u twessa' l-possibbiltà li jiġu applikati mark-ups għal ċerti sezzjonijiet;
- fl-aħħar nett, il-proposta tfittex li tistabbilixxi aktar trasparenza fl-użu tad-dħul mit-tariffi tat-toroq u l-ġhoti ta' informazzjoni dwar il-kwalità tal-infrastruttura.

Barra minn hekk, reviżjoni proposta oħra tad-direttiva hija marbuta mat-tnaqqis tat-**taxxa fuq il-vetturi** annwali minima fuq vetturi ta' merkanzija tqila tul perijodu ta' ħames snin.

Ir-reviżjoni tal-**leġislazzjoni dwar pedaġġ elettroniku** għandha l-għan li tneħħi l-ostakli regolatorji u tas-suq għal *Servizzi Ewropej ta' Pedaġġ Elettroniku* (EETS) li jippermettu lill-utenti tat-toroq iħallsu t-tariffi għall-użu ta' pedaġġ elettroniku madwar l-UE b'unità abbord waħda, b'kuntratt wieħed u b'fattura waħda u li tiffaċilita l-infurzar ta' tariffi tat-toroq mhux imħallsa minn sewwieqa ta' vetturi rreġistrati fi Stat Membru ieħor. Ir-reviżjoni tad-Direttiva dwar l-EETS tipproponi:

- qafas aktar flessibbli għall-pedaġġ elettroniku, partikolarment fuq soluzzjonijiet tekniċi, biex jappoġġa interoperabbiltà vera madwar l-Unjoni;

- estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva biex tinkludi skemi ta' pedaġġ bl-użu ta' rikonoxximent awtomatiku tal-pjanċi tal-karozzi;
- u fl-aħħar, il-ħolqien ta' sistema għall-Istati Membri biex jaqsmu informazzjoni dwar l-identità tat-trasgressuri tal-pedaġġ.

2. ĦIDMA FIL-KORPI PREPARATORJI TAL-KUNSILL

Id-diskussjoni bdiet fil-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport fuq l-Art f'Ġunju 2017. Wara preżentazzjoni ġenerali fl-1 ta' Ġunju 2017, il-valutazzjonijiet tal-impatt ġew eżaminati fil-21 ta' Ġunju 2017. Matul il-Presidenza Estonjana, id-dispożizzjonijiet ta' dawn il-proposti ġew diskussi f'erba' laqgħat, fil-11/9/2017, 14/9/2017, 6/10/2017 u 23/10/2017. Il-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet ta' Taxxa rrakkomanda, fil-laqgħa tiegħu tat-28 ta' Settembru 2017, li l-proposta marbuta mat-tassazzjoni tal-vetturi (il-proposta 2017/0115 (CNS)) għandha tiġi diskussa fil-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport fuq l-Art.

Il-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas" u "l-utent iħallas" huma appoġġati b'mod ġenerali mill-Istati Membri. Madankollu, l-Istati Membri jieħdu pożizzjonijiet differenti dwar kif dawn il-prinċipji għandhom jiġu implimentati. Tqajmu għadd ta' punti fundamentali matul l-ewwel diskussjonijiet dwar ir-reviżjoni tal-**Eurovignette**:

- l-inklużjoni ta' vetturi ta' inqas minn 3.5 tonnelli u karozzi tal-linja fil-kamp ta' applikazzjoni;
- id-dettalji marbuta mal-applikazzjoni tal-prinċipju "min iniġġes iħallas", bħall-inklużjoni tal-klassifikazzjoni tas-CO₂ u l-bidliet proposti għat-tariffi għall-ispejjeż esterni;
- flessibbiltà fl-għażla bejn sistema abbażi tad-distanza jew tal-ħin, jew kombinazzjoni tagħhom skont it-tip ta' vetturi; u
- l-użu flessibbli tad-dħul mit-tariffi għall-konġestjoni u evalwazzjonijiet pożittivi[...];
- l-estensjoni tal-possibbiltà li jiġu applikati evalwazzjonijiet pożittivi lil hinn mir-regġuni muntanjużi;
- aktar obbligi ta' rappurtar dwar id-dħul, l-użu tad-dħul u dwar il-kwalità tat-toroq b'pedaġġ;

- perijodi ta' traspożizzjoni adegwati għall-bidliet proposti.

Rigward ir-riformulazzjoni tad-Direttiva tal-EETS, saru d-diskussjonijiet li ġejjin:

- il-ħolqien ta' skambju ta' informazzjoni dwar it-trasgressuri tal-pedaġġ intlaqa' tajjeb, filwaqt li bosta Stati Membri appellaw biex titthaffef il-ħidma fuq dan l-element ta' politika; u
- il-lista tat-teknoloġiji li jistgħu jintużaw għall-pedaġġ elettroniku ġeneralment tqieset bħala element essenzjali tal-att legali, li għandha tiġi inkluża fil-kamp ta' applikazzjoni tad-direttiva;
- l-adeqwatezza tal-perijodu ta' traspożizzjoni.

3. MISTOQSIJET

Il-Ministri huma mistiedna jipprovdu l-gwida tagħhom b'rabta mal-mistoqsijiet li ġejjin.

Eurovignette:

1. L-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tad-direttiva dwar l-Eurovignette biex tkopri l-vetturi kollha hija ġustifikata f'termini ta' objettivi ta' politika, partikolarment rigward il-finanzi pubbliċi, l-ekwità soċjali, il-kundizzjonijiet ekwivalenti bejn il-modi tat-trasport u allokkazzjoni aktar ġusta tal-ispejjeż għall-utenti kollha tat-triq? Il-vetturi kollha għandhom jiġu ttrattati b'mod simili?
2. L-objettivi fit-tul ta' finanzjament tal-infrastruttura sostenibbli, tnaqqis tal-emissjonijiet u l-konġestjoni, jintlaħqu aħjar jekk maż-żmien nersqu lejn tariffi bbażati fuq id-distanza? X'għandu jkun il-perijodu ta' żmien? X'inhuma l-vantaġġi u l-iżvantaġġi ta' tariffi ibbażati fuq id-distanza? Għandu dan id-dħul jiġi investit mill-ġdid għall-benefiċċju ta' min juża t-triq?

EETS:

1. Il-ministri jaqblu li l-ħlas ta' pedaġġi tat-toroq barra mill-pajjiż għandu jiġi ssimplifikat billi tittejjeb l-interoperabilità ta' sistemi ta' pedaġġ elettroniku u billi l-fornituri tas-Servizz Ewropew ta' Pedaġġ Elettroniku jingħataw aċċess eħfef għas-suq tal-ġbir tal-pedaġġi? Il-ministri għandhom fehmiet dwar l-aktar strumenti leġiżlattivi xierqa biex jintroduċu dawn il-bidliet?